MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Numru 1317/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**V**

**CLIFTON BUTTIGIEG**
**ETIENNE BUTTIGIEG**
**WAYNE BRIFFA**
**DARREN SCHEMBRI**

**Seduta ta' llum, hmistax (15) ta' Marzu 2011.**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **CLIFTON BUTTIGIEG** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Joseph u Lorenza nee Ciantar, imwieled Pieta nhar s-sitta t'Ottubru 1984 u residenti Block H, Flat 11, Triq il-Lellux, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 484284M, **ETIENNE BUTTIGIEG** ta' tnejn w ghoxrin sena, bin Joseph u Lorenza nee Ciantar,

imwieled Pieta nhar l-hmistax ta’ Settembru 1986 u residenti 10, 3rd Floor, Camerata Buildings, Triq Merkanti, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 421586M, **WAYNE BRIFFA** ta' tnejn w ghoxrin sena, bin Redent u Jacqueline nee McKay, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta’ Settembru 1986 u residenti Gloria Maris Court, Flat 3, Triq l-Iskall, M’Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 402586M u **DARREN SCHEMBRI** t'ghoxrin sena, bin Anthony u Therese nee Galea, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta’ Settembru 1989 u residenti Appartamenti 21 ta’ Settembru 1964, Block, A Flat 16, Triq il-Prinjol, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 439489M, gew imressqa quddiemha akkuzati:-

**Lil Clifton Buttigieg, Wayne Briffa u Darren Schembri wahedhom**:

1. Talli fil-hdax ta' Dicembru 2006, f’Hal Luqa u gewwa dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda bejn s-saghtejn w t-tlieta ta’ filghodu, gewwa 16, Triq r-Rixtellu, Hal Luqa, kkommettew serq ta' van Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601 ghad-dannu ta' Alan Dimech kif wkoll ammont ta’ decoders tal-Melita Cable u xi ghodda li l-valur taghhom jaqbez l-elf lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minn gewwa garaxx numru 1, Triq r-Rixtellu, Hal Luqa, kkommettew serq ta’ fanali minn fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta’ registrazzjoni JBA 809 ghad-dannu ta’ Joseph Darmanin li l-valur taghhom jaqbez l-mitt lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minn gewwa garaxx numru 3, Triq r-Rixtellu, Hal Luqa, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq minn gewwa dan il-fond, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw

bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minn gewwa garaxx numru 10, Triq r-Rixtellu, Hal Luqa, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe serq minn gewwa dan il-fond, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta taghhom u li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok;

5. Talli fil-hdax ta' Dicembru 2006, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, gewwa Hal Tarxien, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz ta' hruq, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira maltin u cioe fuq vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601ghad-dannu ta' Alan Dimech;

6. Talli fil-hdax ta' Dicembru 2006, bejn s-saghtejn w t-tlieta ta' filghodu, f'Hal Luqa, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe il-bibien tal-garaxxijiet numru 1, 3, 10 u 16 Triq r-Rixtellu, Hal Luqa u dan ghad-dannu ta' Joseph Darmanin, Robert Portelli, Saviour Bugeja u Alan Dimech rispettivament, liema hsara taqbez l-hamsin lira maltin.

**Lil Clifton Buttigieg, Wayne Briffa, Darren Schembri u Etienne Buttigieg wahedhom:**

7. Talli fil-hmistax ta' Dicembru 2006, u fil-granet ta' qabel, xjenement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew jmexxuhom.

**Lil Clifton Buttigieg u Etienne Buttigieg wahedhom:**

8. Talli b'hekk saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabu hatja b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif wkoll bi ksur ta' probation ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienu gew misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) w illiberati bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

**Lil Wayne Briffa wahdu:**

9. Talli fil-hmistax ta' Dicembru 2006, kellu fil-pussess tieghu kif ukoll garr arma li taqta u bil-ponta barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar t-tmintax t'April 2007 (fol. 232 et seq), l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn ta' Jannar 2009 (fol. 388) sabiex din il-kawza tigi deciza b'mod sommarju, l-istqarrija tal-imputat Clifton Buttigieg esibita bhala Dok. PC 5 a fol. 52, dik tal-imputat Darren Schembri esibita bhala Dok. PC 6 a fol. 56, dik tal-imputat Wayne Briffa esibita bhala Dok. PC 7 a fol. 60, dik tal-imputat Etienne Buttigieg esibita bhala Dok. PC 8 a fol. 65, il-fedina penali tal-imputat Etienne Buttigieg esibita bhala Dok. PC 13 a fol.73, dik tal-imputat Wayne Briffa esibita bhala Dok. PC 14 a fol.75, dik tal-imputat Darren Schembri esibita bhala Dok. PC 15 a fol. 76, u dik tal-imputat Clifton Buttigieg esibita bhala Dok. PC 16 a fol. 77, s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Etienne Buttigieg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Giovanni Grixti nhar t-tlieta w ghoxrin t'Awwissu 2005 esibita bhala Dok. CSH a fol. 307, sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat Etienne Buttigieg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Antonio Mizzi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2003 esibita bhala Dok. CSH 1a fol. 311, s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Clifton Buttigieg mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Antonio Mizzi nhar s-siita ta' Novembru 2005 esibita bhala Dok. 'A' a fol. 357, sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat Clifton Buttigieg mill-Qorti

tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Antonio Micallef Trigona nhar t-tmintax t'Ottubru 2006 esibita bhala Dok. 'Z' a fol. 384 w id-diversi okkorrenzi.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan fis-seduta ta' nhar l-ewwel t'April 2009 (fol. 396).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati Clifton u Etienne Buttigieg pprezentata nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru, 2010. Rat illi Wayne Briffa u Clfiton Buttigieg ma pprezentaw l-ebda nota ta' sottmissjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-ewwel t'April 2009, (fol. 396) l-imputat Clifton Buttigieg iddikjara li qed jammetti **l-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), r-raba (4) w s-sitt (6) akkuza,** filwaqt li l-imputat Etienne Buttigieg irregistra ammissjoni ghal akkuza numru sebgha (7) u fit-22 ta' Dicembru 2006 irregistra ammissjoni ghall-akkuza ta' recidiva (fol. 26).

Illi fl-istess seduta tal-ewwel t'April 2009 (fol. 396) l-imputat Wayne Briffa rregistra ammissjoni **ghal akkuzi kollha salv ghal dik bin-numru hamsa (5).**

Illi l-Qorti tirrileva li l-imputat Darren Schembri ma rregistra ebda ammissjoni fl-att**i.**

Illi ghalhekk in vista ta' dak li gie dikjarat mill-partijiet dwar l-ammissjonijiet varji taghhom din il-Qorti kellha tipprocedi w tistudja l-kaz kollu w sabiex taghmel gustizzja ma' kull imputat b'mod individwali w independenti.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit** (fol. 35) fejn qal li nhar l-hdax ta' Dicembru 2006 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu, dahlet telefonata fil-Control Room tal-pulizija fejn gew infurmati li kien hemm van qed jaqbad gewwa Triq is-Sorijiet f'Hal Tarxien. Qal li fuq il-post marru l-pulizija tad-

distrett u tal-Protezzjoni Civili sabiex jitfu n-nar w il-van u rrizulta li dan il-van kien bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601 li huwa registrat fuq certu Alan Dimech detentur tal-karta tal-identita numru 49878M w ghalhekk dan Alan Dimech gie intercettat mill-pulizija u x'hin qalulu x'kien gara, dan mar jiccekkja fil-garaxx tieghu li jinsab 16, Triq ir-Rixtellu, Hal Luqa, li jinsab ftit metri boghod mir-residenza tieghu u fejn sab li dan il-garaxx kien gie sgassat mis-sellatura tieghu u minn gewwa kien naqaslu dan il-van. Jinghad li f'dan il- garaxx Alan Dimech jahdem bhala *sub-contractor* mal-Melita Cable. Ix-xhud zied jghid li dan allega li fil-fatt go dan il-van kellu ammont ta' *digital decoders*, fl-ammont ta' tlieta w erbghin , erbgha w ghoxrin *analogue decoders* u sitt *cable modems*, ghaxar *telephone sets* u xi ghodda, fosthom slielem, *drillers* u xi ghodda ohra li hu juza fuq ix-xoghol.

Stqarr li minn iktar stharrig li sar mill-pulizija dak il-hin, rrizulta li dan il-garaxx, fejn hemm iktar garaxxijiet, gew sgassati garaxxijiet ohra u fil-fatt l-garaxx numru wiehed fl-istess triq f'Hal Luqa, kien gie sgassat liema garaxx huwa propjeta ta' Joseph Darmanin, detentur tal-karta tal-identita numru 299354M. Qal li rrizulta li f'dan il-garaxx kien hemm vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni JBA 809 mill-liema vettura kienu naqsu l-fanali ta' quddiem taghha.

Stqarr li kien hemm zewg garaxxijiet ohra li kienu sgassati, izda ma nsteraq xejn minnhom. Qal li dan huwa garaxx numru tlieta fl-istess triq li huwa propjeta ta' Robert Portelli detentur tal-karta tal-identita numru 366851M u l-garaxx numru ghaxra li huwa propjeta ta' Joe Bugeja, detentur tal-karta tal-identita numru 201345M.

Zied jghid li xi granet wara, l-pulizija rceviet informazzjoni minghand rapprezentant tas-socjeta Melita Cable, li kienet avvicinatu persuna u qaltlu li kien jista jgiblu *decoders* b'irhis w ghalhekk dan ftiehem ma din il-persuna, minghajr ma kienet taf din il-persuna u dan mar jaghmel rapport lill-pulizija. Qal li peress li kienu jafu b'din is-serqa, ma hadux ic-cans, izda ma kienux jafu liema *decoders* kienu qed jigu negozjati w allura ma dan il-persuna li kienet

rapprezentant tal-Melita Cable, flimkien ma din il-persuna li kellha tlaqqghu ma persuna ohra, li sa dak iz-zmien kienu ghadhom ma jafux min hi, baghat pulizija certu PC 643 Jesmond Delicata, kemm minhabba s-sigurta tieghu u anke biex jara x’inhu ghaddej.

Qal li dan kollu gara fil-hmistax ta’ Dicembru 2006, fejn dan ir-raprrezentant tal-Melita Cable, certu Stephen u PC 643 Jesmond Delicata, marru jiltaqghu ma’ din il-persuna biex din tlaqqaghhom ma persuna ohra biex jaraw dawn id-*decoders*. Spjega li dan gie ppikkjat quddiem il-habs gewwa Rahal il-Gdid u din il-persuna talbithom biex isuqu ghal Kordin, fejn hemm il-padiljun tat-*tennis* w hemmhekk dawn, wara ftit tal-hin, gew avvicinati minn certu Clifton Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita numru 484284M li gharaf presenti fl-awla bhala wiehed mill-imputati, fejn dan hadhom fil-karozza tieghu li hija tal-ghamla Hyundai Accent ta’ kulur ahdar, u minn go fiha hareg erbgha *digital decoders* li kienu qeghdin go boroz tal-plastic blu, wriehom lil dan ir-rapprezentant tal-Melita Cable, li huwa ma kienx jaf li huwa rapprezentant tal-istess socjeta Melita Cable u bieghhomlu ghall-prezz ta’ hamsin lira maltin il-wiehed. Zied jghid li kif ra hekk, il-pulizija li kien hemm prezenti, ghamel kuntatt mal-pulizija l-ohra, u qalilhom li l-probabilta hija li dawn kienu d-*decoders* li kienu misruqin w ghalhekk huma hadu azzjoni fejn gew arrestati dawn in-nies li kienu qeghdin jaghmlu dan id-*deal*. Ix-xhud zied jghid li saret tfittxija mill-ewwel fuq il-persuna ta’ Clifton Buttigieg u fil-karozza tieghu, fejn apparti dawn id-*decoders*, instabu fuq il-persuna tieghu, ammont ta’ mitejn lira Maltin f’karti tal-ghaxar liri, liema flus kien thallas bihom minghand ir-rapprezentant tal-Melita Cable.

Zied jghid li fil-karozza wkoll instabet molla ta’ trakk w ammont ta’ hamsa w ghoxrin *digital cards* li jintuzaw fid-*digital decoders* tas-socjeta Melita Cable w ghalhekk dak il-hin Clifton Buttigieg gie arrestat u dan gie nfurmat li kien qed jigi arrestat minhabba din is-serqa ta’ *decoders* u gie mehud mill-pulizija. Spjega li minn hemmhekk baqghu sejrin jaghmlu tfittxija gewwa l-fond numru 126 Triq l-Arkata, Paola, fejn jabita ħu Clifton Buttigieg, certu Etienne Buttigieg mal-gharusa tieghu, u x’hin habbtu l-

bieb, ma fetah hadd. Ghalhekk, zied jghid x-xhud, hu halla zewg pulizija ghassa ma dan il-bieb, li kienu PC 643 Jesmond Delicata u PC 1137 Kevin Curmi, u hu, flimkien ma PS 430 St. John, marru d-dar ta' Clifton Buttigieg, Block H, Flat 11 Triq il-Lellux, Santa Lucija, fejn hemmhekk, wara li gew il-genituri tieghu, dahlu u saret tfittxija u hin minnhom waqt li kienet lesta t-tfittxija, gewwa l-kamra tas-sodda kien hemm *partition* fejn kien hemm bieb imsakkar, u qalulu sabiex jiftah dan il-bieb, izda huwa qallhom li ma kellux cwievet.

Qal li l-pulizija wissewh li jekk ma jiftahx dak il-bieb, peress li riedu jaghmlu tfittxija hemm gew, peress li kellhom suspett li kien hemm xi affarijiet mohbijin hemm gew, kellhom jisgassaqw l-istess bieb. Zied jghid li kif fethu dan il-bieb, gewwa sabu tmien *digital cards* ohra, *digital receiver* u Toshiba *cable modem* li gew elevati. Spjega li sadanitant, PC 1137 Kevin Curmi, li kien qieghed ghassa mad-dar 126, Triq l-Arkata Paola, infurmah li kienu nnutaw zewg persuni li kienu ghaddew diversi drabi u kienu qed jagixxu b'mod suspettuz u indunaw li kien hemm il-presenza tal-pulizija w ghalhekk mar hemmhekk u fil-fatt x'hin waslu hu u s-surgent Anthony St. John fuq il-post, dawn iz-zewg persuni gew imwaqqfa u rrizulta li kienu Darren Schembri detentur tal-karta tal-identita numru 439489M u Wayne Briffa, 402586M li gharaf prezenti fl-awla bhala whud mill-imputati.

Qal li x'hin dawn gew mistoqsija x'kienu qed jaghmlu hemm hekk, dawn qalu li kienu sejrin jaqtghu u jizbghu xaghrhom u ser jiehdu l-karozza ghand il-*mechanic* u bdew jduru ghax ma sabux fejn jipparkjaw. Zied jghid li pero mill-informazzjoni li kellha l-pulzija, kienet illi dawn setghu kienu nvoluti ma' Clifton Buttigieg u ħuħ Etienne Buttigieg f'din is-serqa w ghalhekk gew mizmuma wkoll. Qal li fil-fatt saret tfittxija fir-residenza ta' Wayne Briffa izda ma nstab xejn li huwa relatat ma din is-serqa, pero nstab *laptop* u x'hin staqsewh fuq dan l-*laptop* dan qalilhom li ma kienx jiftakar minghand min xtrah ghalkemm qal li kien xtrah ghall-prezz ta' mitt lira Maltin, izda x-xhud, meta ccekkja il-valur tieghu, rrizultalu li kien

xi hames mija u hamsin lira maltin u li meta xtrah huwa ma qghadtx jistaqsieh jekk hux misruq jew le izda ssuspetta li seta kien misruq. Zied jghid li x'hin wasal Etienne Buttigieg d-dar tieghu fejn joqghod mal-gharusa tieghu, saret tfittxija wkoll f'din id-dar izda dak il-hin rrizultat fin-negattiv. Qal li sussegwetement, dawn l-erbgha min nies gew kollha arrestati u mehuda d-depot tal-pulizija ghal iktar investigazzjoni.

Qal li hu, min-naha tieghu kien nforma lill-Magistrat tal-ghassa Dottor Lawrence Quintano minhabba l-arrest taghhom, fejn kien gie approvat l-arrest ghal izjed minn sitt sieghat u fis-sittax ta' Dicembru komplew bl-investigazzjoni.

Ix-xhud spjega li x'hin bdew l-interrogazzjonijiet, Clifton Buttigieg kien qal li hu, flimkien ma Wayne Briffa u Darren Schembri, kienu qeghdin il-bandli ta' Santa Lucija, u ftehmu li dakinhar jmorru jaraw jakkwistawx xi haga bil-lejl u baqghu l-bandli sakemm telaq kulhadd. Stqarr mieghu li x'hin telqu mill-bandli, bdew iduru, kienu bil-karozza ta' Wayne Briffa li Wayne iktar tard spjega li kien qed juza l-karozza t' ommu, ghax tieghu kienet bil-hsara, u dawn bdew iduru gewwa Hal Luqa, sabu dawn il-garaxxijiet, fethu l-ewwel garaxx u ma sabu xejn jghodd ghalihom, lestew it-tieni garaxx, u ma sabu xejn jghodd ghalihom. Qal li Clifton Buttigieg spjega li huwa kien qed jzomm it-*torch* filwaqt li Wayne Briffa kien qed jilleva s-serraturi, u kif sgassaw it-tielet garaxx, fih sabu vettura tal-ghamla Hyundai Accent u peress li Clifton Buttigieg ghandu Hyundai Accent bhalha, qalghulha l-fanali. Zied jghid li dan stqarr mieghu li wara sgassaw ir-raba garaxx u sabu l-van bin-numru ta' retgistrazzjoni ALN 601 li kien mimli bid-*decoders* tal-Melita Cable w ghabbew xi ghodda go fih u hadu dan il-van u marru b'dan il-van u bil-karozza li kienu fiha, fil-*parking* tac-cimiterju ta' l-Addolorata. Ix-xhud zied jghid li dan qallu li dahlu l-affarijiet kollha minn gewwa l-van ghal gewwa t-Toyota, saqu wara xulxin ghal hdejn Joanne Gardens gewwa Hal Tarxien. Ix-xhud zied jghid li Clifton Buttigieg spjega illi waqt li huwa kien qed igorr xi ghodda gewwa dan il-van, u Darren Schembri kien qed iqalleb fuq quddiem tal-van biex jara jekk jsibx xi flus,

fil-van, fuq wara kien hemm ukoll xi karti u *invoices* li huma relatati mad-*decoders*, u hu (Clifton) ra lil Wayne Briffa jferrex dawn il-karti u jaghtihom in-nar. Ix-xhud zied jghid li min naha l-ohra, Darren Schembri u Wayne Briffa, qalu li huma ma kellhomx x'jaqsmu *as such* fis-serqa u qalu li huma l-parti taghhom kienet, li stennew lil Clifton Buttigieg hdejn il-gnien tac-Cinizi, gewwa Santa Lucija, u kienu jafu li qed jaghmel is-serqa, izda huma ma marrux jisirqu mieghu u kienu qeghdin biss jistennewh biex jghinuh jgorr l-affarijiet. Dawn qalu li fil-fatt hin minnhom, qalu li fegg dan Clifton Buttigieg bil-van Peugeot Partner u dawn telqu warajh ghal hdejn ic-cimiterju, imbghad saqu wara xulxin ghal hdejn Joanne Gardens, hallew il-van pparkjat hemmhekk u wara t-tlieta li kienu, rikbu gol-karozza u saqu ghal Triq l-Arkata, Rahal Gdid, fejn joqghod Etienne Buttigieg li huwa ħu Clifton Buttigieg.

Ix-xhud qal li wkoll li Clifton Buttigieg kien spjega li x'hin kienu hdejn ic-Cimiterju ta' l-Addolorata, huwa cempel lil ħuħ Etienne biex jiehu l-affarijiet ghandu u ghall-ewwel Etienne ma xtaqx jidhol fiha. Fil-fatt, zied jghid ix-xhud, fit-tfittxija li kienet saret ghand Etienne, ma sabu xejn.

Spjega li meta tkellmu ma Etienne Buttigieg, dan qal li veru kien cempillu ħuħ, u l-affarijiet hadhom ghandu u dahhluhom fl-intrata tieghu, izda imbaghad dan Etienne beza' jhalliehom fid-dar tieghu u peress li d-dar ta' ma genbu biswit id-dar fejn joqghodu hu, huwa post battal u ma jghix hadd go fih, Etienne tela fuq il-bejt u hbiehom fil-post ta' ma genbu. Qal li kien hemm xi kaxxi, u ghal hekk fl-ewwel tfittxija ma kienux instabu u dawn kienu mghottijin b'xi kutri u xi imhaded. Ix-xhud pprezenta erbgha okkorrenzi relatati ma dan il-kaz li gew immarkati minn Dok. PC 1 sa Dok. PC 4 rispettivament, stqarrija ta' Clifton Buttigieg bhala Dok. PC 5, stqarrija ta' Daniel Schembri li ghazel li jiffirma, bhala Dok. PC 6, stqarrija ta' Wayne Briffa li wkoll ghazel li jiffirmaha bhala Dok. PC 7, u stqarrija ta' Etienne Buttigieg li pero ghazel li ma jiffirmax, bhala Dok. PC 8.

Qal li dawn l-istqarrijiet kollha ttiehdu minnu fil-presenza ta' PS 430 St. John wara li l-imputati kienu moghtija s-

solita twissija skond il-ligi. Ix-xhudipprezenta wkoll ic-certifikati tat-twelid tal-imputati li qed gew immarkati minn Dok. PC 9 sa PC 12, kif wkoll il-fedina penali tal-imputati bhala Dok. PC 13 sa Dok. PC 16. Ipprezenta wkoll is-somma ta’ mitejn lira maltin li nstabu fil-pussess ta’ Clifton Buttigieg bhala Dok. PC 17 kif wkoll ammont ta’ hamsa w ghoxrin *card* li nstabu fil-karozza, tmien *cards* ohra li nstabu fil-kamra ta’ Clifton Buttigieg fir-residenza tieghu u tliet *cards* ohra li nstabu go kaxxa ta’ wiehed mid-*decoders* bhala Dok. PC 18. Esebixxa wkoll tnejn u tletin *digital decoders* b’mod formali bhala Dok. PC 20.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed PS 430 Andrew St. John** (fol. 79) fejn ikkonferma li hu kien involut fl-investigazzjoni dwar sgass ta’ xi garaxxijiet fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra w il-hdax ta’ Dicembru 2006. Spjega li l-garaxxijiet li gew sgassati kienu jinstabu fi Triq ir-Rixtellu, f’Hal Luqa fejn filwaqt li gew sgassati dawn il-garaxxijiet, gew zarmati xi *parts* ta’ karozza tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni JBA 809 filwaqt li minn garaxx iehor, Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni ALN 601 fejn ttiehdu xi ghodda u apparat tal-Melita Cable. Qal li l-van kien gie mittiehed minn dan il-garaxx u sussegwentement dan l-istess van instab fi Triq is-Sorijiet, f’Hal Tarxien mahruq u bil-kontenut nieqes. Zied jghid li fit-tlettax ta’ Dicembru 2006 hu kien gie avvicinat minn rapprezentant tal-Melita Cable li qallu li kellu nformazzjoni dwar il-persuna li kellha dawn ir-*recievers* tal-Melita Cable f’idejha. Qal li l-ghada tkellem ma din il-persuna u ftehmu li kellu jcempillu u ghalhekk baghtlu pulizija mieghu ghas-sigurta tieghu stess biex jiltaqghu f’post partikolari biex jaghmlu *deal* fuq dawn ir-*receivers*. Zied jghid li apparentament, meta sar il-kuntatt originali, dawn ftehmu ghal erbgha *receivers* li kellhom jissejhu bhala *samples* pero hu kellu nformazzjoni li kellhom iktar minn erbgha.

Mistoqsi x’irrizultalu dwar il-hruq tal-van, ix-xhud qal li meta tkellem ma Clifton Buttigieg waqt li huwa stess rrilaxxja *statement*, huwa qal li ma kien jaf xejn, izda sussegwentement qal li ra lil Wayne Briffa, li kien involut maghhom f’dan is-serq, iqabbad xi karta fil-kompartiment

ta’ wara tal-Peugeot stess u rah iqabbad dawn il-karti. Ix-xhud kompla jghid li Clifton Buttigieg qal li dak kien li seta’ kkaguna l-hruq.  Qal li Clifton Buttigieg kien qal li flimkien mieghu, kien hemm Daniel Schembri u l-istess Etienne Buttigieg, u persuna ohra, pero’ ma semmihiex.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed PC 1337 Kevin Curmi** (fol. 81) fejn mistoqsi jafx dwar l-akkuza tal-hruq tal-van, wiegeb li ghall-ewwel ma kellu ebda ammissjoni mill-imputati dwar din l-akkuza ta’ hruq u sussegwentement fl-ahhar ta’ l-investigazzjoni, Clifton Buttigieg prezenti fl-awla, qal li ra lil Wayne Briffa u cioe’ l-ko-akkuzat, jkebbes xi nar gewwa l-istess van.  Qal li rrizultalu wkoll li l-van inharaq f’dak l-istess lejl, ftit minuti wara li sehhet l-effettiva serqa u cioe nhar il-hdax ta’ Dicembru 2006.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Stephen Busuttil** (fol. 83) fejn qal li hu mpjegat tas-socjeta Melita Cable u dan sabiex ninvestiga frodi u serq tal-apparat tal-istess Melita Cable.  Ikkonferma li ftit qabel kien sar rapport minghand minghand *sub contractor* tal-Melita Cable certu Alan Dimech ta’ serqa u cioe serq ta’ tlieta w erbghin *digital decoders*, erbgha w ghoxrin *analogue decoders*, erbgha w hamsin *smart card*, sitt *modems* u ghaxar *telephones,* liema *telephones* jiswew hdax-il lira Maltin u hamsin centemzu kull wiehed, id-*digital decoders* jiswew disgha w ghoxrin lira Maltin u tmienja w ghoxrin centezmu kull wiehed, il-*cards* li jmorru maghhom jiswew hames liri Maltin u tlieta w ghoxrin centezmu kull wahda, id-*decoders* ghoxrin lira u sitta w sebghin centemzu u l-*analogue converters*.  Qal li s-serqa in kwistjoni zgur li teccedi l-elf lira Maltin.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Alan Dimech** (fol. 85) fejn qal li hu jahdem bhala *sub-contractor* tas-socjeta’ Melita Cable u jahdem permezz ta’ vettura li kienet tinsab gewwa garaxx f’number sittax fi Triq ir-Rixtellu, Hal Luqa u l-oggetti tas-socjeta’ Melita Cable, li jahdem bihom kien ihallihom fil-vettura. Stqarr li fil-hdax ta’ Dicembru 2006 kienu cemplulu l-pulizija tar-Rahal il-Gdid ghal habta tal-erbgha ta’ filghodu w qalulu li

kellu l-van tieghu jaqbad f’Hal Tarxien. Qal li hu nizel fil-garaxx tieghu u sab li kien miftuh u li qabel ma mar Hal Tarxien, kien cempel l-ghassa tal-pulizija ta’ Hal Luqa jmorru jaghtuh l-assistenza. Ix-xhud stqarr li kellu diversi oggetti neqsin mill-garaxx u sussegwentement mar fil-post indikat lilu f’Hal Tarxien u cioe’ fi Triq is-Sorijiet u hemmhekk sab il-van tieghu mahruq. Qal li fil-van tieghu dakinhar kellu diversi oggetti tas-socjeta’ Melita Cable u meta mar fuq il-post, dawk l-oggetti ma sabhomx hemm, kif anke ma sabx l-oggetti tieghu personali. Stqarr li hu mar fuq il-post fi Triq is-Sorijiet ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu. Stqarr ukoll li l-van kien xtrah ghal prezz ta’ hamest elef u sitt mitt Lira Maltin u kellu jaghlaq sitt snin f’Jannar li jmiss u kellu polza tas-sigurta *fully comprehensive*.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Saviour Bugeja** (fol. 87) fejn qal li hu sid il-garaxx numru ghaxra li jinsab fi Triq ir-Rixtellu, Hal Luqa. Ftakar li xi zmien ilu kienet cemplitlu l-mara w qaltlu li kienu qalulu s-serratura tal-garaxx tieghi. Qal li effettivament lilu ma serqulu xejn, ghaliex kull m’ghamlulu huwa li qalghu s-serratura.

Illi fit-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Robert Portelli** (fol. 89) fejn qal li hu ghandu mikri ghandu garaxx bin-numru tlieta, liema garaxx jinsab fi Triq ir-Rixtellu, Hal Luqa. Stqarr li xi gimgha u nofs qabel kien sab li kellu s-serratura tal-bieb tal-garaxx, sgassata, pero lilu ma missewlu xejn u kollox baqa intatt.

Illi fis-sebgha w ghoxrin ta’ Dicembru 2006 **xehed Joseph Zammit** (fol. 104) fejn qal li hu kien inghata nkarigu mill-Magistrat ta’ l-ghassa Dottor Giovanni Grixti pero dakinhar ma kienx f’posizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu peress li kien ghadu ma lestiex l-inkarigu moghti lilu. Qal li hu kien ezamina vettura tal-ghamla Peugeot li kienet tinsab mahkuma bin-nar estensiv fil-parti ta’ gewwa taghha lejn wara ta’ l-istess, liema van kien jinsab gewwa garaxx f’Sisters Street, Tarxien, anzi kien barra t-triq u kien qed jimblokka t-triq li taghti ghal St. Augustine Street. Qal li gewwa kien hemm xi oggetti li jintuzaw mis-socjeta’ Melita Cable bhal *phones* u *decoders* u dawn kienu mahruqa

wkoll. Qal li fil-post tal-magna ma kien hemm ebda sinjali ta' hruq u l-batterija kienet ghadha fil-post intatta, b'energija massima w ghalhekk eskluda li seta' gara xi hruq accidentali.

Illi fis-sebgha ta' Frar 2007 **xehed PC 643 Jesmond Delicata** (fol. 135) fejn qal li nhar il-hmistax ta' Dicembru 2006, ghal habta ta' nofsinhar kien mar impjegat tas-socjeta' Melita Cable jirrapporta li kien hemm xi persuna li kien qed ibiegh xi *decoders*. Qal li huma kienu jafu minn qabel li kien hemm xi vann misruq w ghalhekk kienu marru ma' dan l-impjegat tas-socjeta' Melita Cable fejn stabbilew li verament kien hemm oggetti ta' din s-socjeta' li kienu gew identifikati bhala taghhom, ghal bejgh w ghalhekk hu nforma lis-superjuri tieghu b'dan u kompliet l-investigazzjoni f'dan r-rigward.

Illi fl-erbatax ta' Gunju 2007 xehed **PS 1439 John Tabone** (fol. 196) fejn qal li hu kien gie mitlub sabiex jghid x'licenzja ghandu l-imputat Wayne Buttigieg detentur tal-karta tal-identita numru 402576M mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, w ikkonferma li dan ma ghandu l-ebda licenzja .

Illi fit-tlieta ta' Jannar 2008 rega' **xehed PS 1439 John Tabone** (fol. 326) fejn qal li hu kien gie mibghut mill-ufficcju tar-Rahal il-Gdid biex jikkonferma li Wayne Briffa detentur tal-karta tal-identita numru 40586M ghandux licenzja tas-sewqan u jekk ghandux licenzja tal-armi. Qal li minn verifika li ghamel fl-ufficcju taghhom, irrizultalu li dan l-istess persuna m'ghandha l-ebda licenzja w esebixxa dokument mahrug ghal dan il-ghan bhala Dok. WB. Zied jghid li l-istess persuna m'ghandha ebda licenzja mahruga fuq isimha mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fis-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2008 **xehed PS 192 Ramon Godano** (fol. 343) fejn qal li hu kien fl-ghassa tal-pulizija ta' Hal Luqa bejn l-ghaxra w il-hdax ta' Dicembru 2006, meta rcevew telefonata mill-pulizija tar-Rahal il-Gdid illi kien hemm van qed jaqbad fi Triq is-Sorijiet, Hal

Tarxien. Qal li lilu tawh struzzjonijiet biex imur jinforma lis-sid ta’ dan il-van u dan qallu li l-van kien fil-garaxx. Qal li meta mar ghand sid l-van, staqsih sabiex jiccekkja w marru fil-garaxx tieghu li jinsab bieb ma’ bieb mal-garaxx, u sab li s-serratura tal-garaxx kienet maqlugha w il-van ma kienx hemm hekk. Stqarr li fil-fatt sid il-van identifika l-istess van bhala proprjeta’ tieghu u qal li fil-van kellu diversi ghodda tal-Melita Cable. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. Z.

Illi fis-6 ta’ Lulju, 2010 xehdet is-**Senior Probation Officer Miriam Sevasta,** li esebiet u kkonfermat erba’ rapporti li hija hejjiet fil-konfront tal-imputati, li gew immarkati Dok. MS sa MS3. Jinghad li hija kienet giet nominata nhar is-27 ta’ Dicembru 2006 sabiex issegwi lill-imputati fir-rigward tal-Bail Supervision.

**Probabtion Officer Miriam Sevasta** regghet xehdet fl-1 ta’ Frar, 2011 fejn ikkonfermat ir-rapporti pprezentati minnha fil-25 ta’ Frar, 2010 filwaqt li ziedet li kull ma nbidel minn meta ghamlet ir-rapporti taghha sal-lum kien li Wayne Briffa u Etienne Buttigieg fethu hanut tat-tattoos f’Marsascala, Darren Schembri kien gie tterminat l-impjieg li kellu w kien qed ifittex xoghol iehor u Clifton Buttigieg ukoll huwa dizokkupat pero’ kien attenda ghal xi kors gewwa l-MCAST. Qalet ukoll li sa fejn taf hi m’ghandhomx kawzi ohra pendenti l-Qorti w li ma semghet xejn negattiv fil-konfront taghhom. Taf biss li huma mdejqin bil-kwistjoni tal-hin tar-rinkazar.

Rat li fil-verbal tal-1 ta’ Frar, 2011 il-partijiet awtorizzaw lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fir-rigward ta’ kull imputat b’mod separat u distint u dan minhabba l-fatt li din il-Qorti kienet rinfaccjata b’ammissjonijiet diversi mill-imputati, l-imputati ghandhom fedina penali differenti w in oltre ma kellhomx l-istess eta’ meta allegatament ikkommettew ir-reati moghtija fil-

konfront taghhom, u ghalhekk f'kaz ta' htija l-piena sejra tkun ukoll differenti.

Jinghad ukoll li huwa principju generali fil-kamp penali li dak li jghid imputat wiehed m'ghandux ikollu effett fuq il-ko-akkuzat, salv jekk tali prova ma tkunx korrobrata minn xi prova ohra indipendenti. Ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **__il-Pulizija vs Joseph Austin Psaila et__** deciza nhar is-7 ta' April 1994 fejn inghad li *"Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati Maltin fi procedimenti Kriminali li biex akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvat oltre kull dubju ragonevoli, cjoe' oltra kull dubju dettat mir-raguni, u mhux oltre l-icken dubju….. Dak li jghid ko-akkuzat ma jistax la jibbenefika u anqas jippregudika ko-akkuzat iehor."*

Din il-Qorti tirrileva li din il-kawza damet pendenti quddiem din il-Qorti ghal perijodu t'aktar minn erba' snin, pero' dan id-dewmien mhux ser jigi kunsidrat meta tigi biex terroga l-piena taghha, peress illi hafna minn dan id-dewmien huwa attribwibbli lill-imputati stess, bizzejjed jinghad li l-artikoli ntbaghtu mill-Avukat Generali fit-2 ta' Jannar 2009 u b'hekk l-imputati damu sentejn sabiex iressqu d-difiza taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-imputat **__Clifton Buttigieg__** il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni ghall-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) w sitta (6) w ghalhekk a bazi tal-ammissjoni tieghu li kienet wahda volontarja w spontaneja din il-Qorti qed issibu hati taghhom. Dwar l-akkuza numru hamsa (5), w cioe' talli fil-hdax ta' Dicembru 2006, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu, gewwa Hal Tarxien, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz ta' hruq, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira Maltin, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601, ghad-dannu ta' Alan Dimech;

L-imputat Clifton Buttigeg ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt, pero' rrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni w dak li qal fiha jikkostitwixxi prova fil-konfront tieghu. Fl-istqarrija li rrilaxxja nhar is-16 ta' Dicembru 2006 (fol. 52), dan jghid li ra lil Wayne Briffa jqabbad xi karti fil-vann, pero' hu ma kienx mieghu. Fuq domanda specifika tal-prosekuzzjoni jekk kienx mal-ko-akkuzati l-ohra meta l-vann ha n-nar jghid li huwa ma kienx maghhom. Illi ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda fjakka, l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati talli ta n-nar lil vann Peugeot Partner proprjeta' ta' Alan Dimech.

Dwar l-akkuza numru sebgha (7), w cioe' dik ta' ricettazzjoni, l-Qorti tinnota li din inghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq u ghalhekk peress li diga' sabet lill-imputat Clifton Buttigieg hati tal-akkuza ta' serq aggravate, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Dwar l-akkuza numru tmienja (8) w cioe' ta' recidiva, din ma tirrizultax provata, w dan ghaliex il-prosekuzzjoni pprezentat sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-18 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **il-Pulizija vs omissis Clifton Buttigieg et** fejn l-imputat Buttigieg kien gie misjub hati tal-akkuza ta' serq, pero' kien inghata *conditional discharge* u ghalhekk ma nghata l-ebda piena w konsegwentement l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx, u ghalhekk din il-Qorti mhux qed issibu hati talli hu recidiv fit-termini tal-ligi.

Dwar l-imputat **Wayne Briffa** il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza numru hamsa (5) w cioe' talli fil-hdax ta' Dicembru 2006, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, gewwa Hal Tarxien, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz ta' hruq, liema hsara hija izjed minn hames mitt lira Maltin, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni ALN 601ghad-dannu ta' Alan Dimech;

Issa l-imputat Briffa ma xehedx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero' kien irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni w dak li qal f'din l-istqarrija jikkostitwixxi prova, *molto piu*' meta huwa ghazel li ma jichadx dak li kien qal. Fir-rigward tal-akkuza tal-hruq tal-vann jghid, fl-istqarrija tieghu, li hu ma haraq l-ebda vann u in oltre jghid ukoll li ma rax il-vann jinharaq. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud okulari sabiex jghid li dan l-imputat kien li haraq il-vann u lanqas ma gabet xi prova xjentifika sabiex tipprova timplika lill-imputat f'dan ir-reat, u ghalhekk dan ir-reat ma jirrizultax.

Dwar l-imputat **Etienne Buttigieg** din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammisjoni limitata, w cioe' ghall-akkuza numru sebgha (7) w cioe' dik ta' ricettazzjoni w dik ta' recidiva. L-imputat ukoll ma xehedx f'dawn il-proceduri, ghalkemm irrilaxxja stqarrija nhar is-16 ta' Dicembru 2006 (fol. 65). L-**Artikolu 661** tal-Kodici Kriminali, jipprovdi li konfessjoni (u statement hija konfessjoni) ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, w mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra.

Issa minn ezami ta' din l-istqarrija, li tidher veritiera, jirrizulta li l-imputat Etienne Buttigieg zamm l-oggetti li gew mghoddija lilu mill-ko-akkuzati, w dan meta jaf li kienu gejjin minn attivita' illegali, tant li fil-fatt huh kien sahansitra anke weghdu xi haga talli jzommhom. Huwa jghid ukoll li kellu jindahal sabiex jinbieghu l-oggetti misruqa. Dwar il-kumplament tar-reati moghtija fil-konfront tieghu dawn ma jirrizultawx provati.

L-imputat huwa wkoll akkuzat li huwa recidiv ai termini tal-**Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, w dan jirrizulta.

Dwar l-imputat **Darren Schembri** l-Qorti m'ghandha l-ebda ammissjoni. L-imputat Schembri ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, pero' rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija tinsab esebita a fol. 56. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat Schembri huwa komplici fis-serq, u dan ghaliex jghid li kien jaf li l-ko-akkuzati Briffa w

Buttigieg kienu ser jisirqu waqt li huwa qaghad barra jistennihom sabiex jghinhom igorru l-affarijiet li jisirqu. Huwa kellu l-istess ***common design*** taghhom sa minn qabel ma sehh ir-reat ta’ serq.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li nghatat fl-ismijiet **il-Pulizija vs Carmelo Agius et** nhar l-24 ta’ Mejju 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fejn gie ritenut li “*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*.”

Issa kif gie konfermat fis-sentenza **Republika ta’ Malta vs Etienne Carter** deciza mill-Qorti Kriminali tal-Appelli nhar l-14 ta’ Dicembru 2004 “*Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat*.”

Issir referenza wkoll ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Republika ta’ Malta vs Martin Dimech** fejn gie ritenut li :-

*“Il-komplici huwa dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa … jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. Dan ikun qieghed jghinhom fit-twettiq ghax waqt li tkun qed ssir is-serqa gewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel.”*

Dwar l-akkuzi t’attentat ta’ serq mill-garaxxijiet li gew sgassati (akkuzi tlieta (3) w erbgha (4) ) l-imputat ma gie mistoqsi l-ebda domanda fl-istqarrija, w ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda prova fil-konfront tieghu, u ghalhekk wisq inqas tista’ ssibu hati taghhom.

Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi ta’ serq (akkuza wiehed (1) u tnejn (2)) u mhux tal-akkuzi tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5),  sitta (6) u sebgha (7).

**Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:-**

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat **<u>Clifton Buttigieg</u>** esibita bhala Dok. PC 16 a fol. 77, jirrizulta li dan ghandu biss zewg reati registrati fuqha li jirrisalu ghas-snin 2005 u 2006 dwar serq w uzu hazin t’apparat ta’ telekomunikazzjoni fejn gie moghti *unconditional discharge*.  Din il-Qorti ma tridx taghti l-impressjoni li l-imputat jista’ jaghmel dak li jrid u ma jmurx il-habs.  Il-Qorti rat il-ko-operazzjoni tieghu sa minn stadju bikri tal-proceduri meta rregistra ammissjoni, rat ukoll dak li qalet il-Probation Officer fil-konfront tieghu, u cioe’ li m’ghandux kazijiet ohra pendenti w li llum ghandu mpjieg fiss, u ghalhekk thoss li f’dawn ic-cirkostanzi ghandha taghti l-ahhar opportunita’ lill-imputat billi ma tibaghtux il-habs immedjatament, izda tissospendi l-esekuzjoni taghha, w oltre dan li tpoggih taht is-supervizjoni ta’ Supervision Officer bil-ghan li jibqa’ jzomm ‘il boghod mill-hajja ta’ kriminalita’ w ikomli jsegwi d-direzzjoni ta’ dan l-ufficcjal.

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat **<u>Etienne Buttigieg</u>** esibita bhala Dok. PC 13 a fol.73, jirrizulta li ghandu tliet reati registrati fuqha dwar serq u pusses tad-droga Eroina, fejn gie moghti sentenza ta’ prigunerija effettiva, *conditional discharge* u *unconditonal discharge*. Izda dan nonostante ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu w ghalhekk din id-darba l-Qorti trid turih l-id iebsa taghha. Din il-Qorti hija pprojbita milli timponi sentenza ta’ prigunerija sospiza stante li qed issibu hati

tal-akkuza ta’ recidiva fuq ammissjoni tieghu stess (fol. 26). Illi ghalhekk din il-Qorti sejra timponi piena karcerarja effettiva.

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat **Wayne Briffa** esibita bhala Dok. PC 14 a fol.75, jirrizulta li dan ghandu reat wiehed biss registrat fuqha meta nstab hati talli kkometta reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, fejn inghata ammenda. Illi l-imputat Briffa ghalhekk ghandu jinghata cans iehor qabel ma din il-Qorti tibghatu l-habs, u ghalhekk sejra timponi piena karcerarja sospiza, w dan bil-ghan li zzomm lill-imputat Briffa ‘l boghod mill-hajja ta’ kriminalita’.

Minn ezami tal-fedina penali tal-imputat **Darren Schembri** esibita bhala Dok. PC 15 a fol. 76, jirrizulta li din hija wahda nadifa ghall-ahhar u ghalhekk ghandu jitqies bhala li huwa *a first time offender* b’dan illi ghandu jitpogga taht Ordni ta’ Probation.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi partikolarment l-Artikoli 6, 7, 17, 18, 21, 22, 23, 24, 31, 41, 42, 43, 46, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(2)(3), 279(a)(b), 280(2), 281(a)(b), 289, 334(a), 325(1)(a)(c) u 533 tal-Kap 9 u l-Artikolu 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, w tiddikjara li qed ssib lil imputat CLIFTON BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kollha salv u b’eccezzjoni ghall-akkuzi numri sebgha (7) w tmienja (8), mil-liema zewg akkuzai qed tilliberah u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sentejn liema sentenza pero’ qed tigi sospiza ghall-perijodu ta’ erba’ snin millum ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Oltre dan qed tpoggih taht Ordni ta’ Supervizjoni ghall-perijodu kollu tas-sentenza sospiza w dan bil-ghan li zzommu ‘l boghod mill-hajja kriminali, w dan taht il-kundizzjonijiet annessi mad-digriet anness ma’ din is-sentenza.**
**Fil-konfront tal-imputat ETIENNE BUTTIGIEG tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuza ta’ recidiva w tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra w tiddeciedi li tikkundannah, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ghall-piena karcerarja u effettiva ta’ sentejn.**

**Qed issib lill-imputat WAYNE BRIFFA hati tal-akkuzi kollha salv tal-akkuza li ta n-nar lill-vettura Peugeot Partner, mil-liema akkuza qed tilliberah u tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, u dan ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Oltre dan qed tpoggih taht is-supervizjoni ta’ Supervision Order skond id-digriet hawn anness ghall-perijodu kollu tas-sentenza sospiza.**

**Qed issib lill-imputat DARREN SCHEMBRI hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi ta’ serq u mhux hati tal-akkuzi l-ohra, mil-liema akkuzi qed tilliberah, u tiddeciedi li tpoggih taht Ordi ta’ Probation ghall-perijodu massimu permess mil-Ligi ta’ tliet snin ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, w dan stante li dan huwa *a first time offender* u qed jinstab hati ta’ inqas akkuzi mill ko-akkuzati l-ohra.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, l-Qorti tilqa’ tali talba w tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominate, w cioe’ ta’ Philip Zammit [fol. 255 tergo], Joseph Zammit [fol 289], PS 644 Evan Camilleri u PS 36 Sergio Azzopardi [fol 304] fl-ammont komplessiv ta’ mitejn erbgha w sebghin Lira u disgha w hamsin centezmu ekwivalenti ghal sitt mija w erbghin Ewro [€640] u dan fi zmien sitt xhur minn meta jigu hekk interpellati mid-Direttur tal-Qorti Kriminali w jekk l-imputati jonqsu li jhallsu l-ammont dovut, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro w hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan il-ghan.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u dan sabiex jigi appuntat il-kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat Daniel Schembri fir-rigward tal-Probation Order u fir-rigward ta' Clifton Buttigieg u Wayne Briffa fil-konfront tas-Supervision Order.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------